REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2246

tal-15 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-punt (b)(ii) tal-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 47(2) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 54(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ([3]) jistabbilixxi r-regoli dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni ta' ċertu ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u dwar l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' ikel u għalf minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentaklorofenol u d-diossini, u l-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) L-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jipprevedi li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhom jiġu rieżaminati f'intervalli regolari li ma jaqbżux is-sitt xhur, sabiex titqies informazzjoni ġdida relatata mar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħad-*data* li tirriżulta min-notifiki riċevuti permezz tas-sistema ta' twissija rapida stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002, kif ukoll *data* u informazzjoni dwar il-kunsinni u r-riżultati tal-kontrolli tad-dokumentazzjoni, tal-identità u fiżiċi kkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti riċenti marbuta mal-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf ("RASFF") li jindikaw l-eżistenza ta' riskju serju dirett jew indirett għas-saħħa tal-bniedem li jkun ġej mill-ikel jew mill-għalf, kif stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u l-informazzjoni dwar

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fuq l-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali fl-ewwel semestru tal-2021 jindikaw li jenħtieġ li l-listi stabbiliti fl-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu emendati sabiex titħares is-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni.

(4) Il-karawett u l-prodotti magħmula mill-karawett mill-Arġentina ilhom minn Jannar tal-2019 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwixxix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. B'konsegwenza ta' dan, ma huwiex meħtieġ li jkompli jiġi previst li kull kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli sabiex jiżguraw li se jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar l-entrata dwar il-Ġewż tal-art (karawett) mill-Arġentina fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u li tiġi ttrasferita għall-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li jinżamm il-livell ta' frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi ta' 5 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(5) Il-ġellewż u l-prodotti magħmula mill-ġellewż mill-Ażerbajġan ilhom minn Jannar tal-2019 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni ma jikkostitwixxix riskju serju għas-saħħa tal-bniedem. B'konsegwenza ta' dan, ma huwiex meħtieġ li jkompli jiġi previst li kull kunsinna tkun ġiet akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli sabiex jiżguraw li se jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar l-entrata dwar il-ġellewż mill-Ażerbajġan fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u tiġi ttrasferita għall-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li jinżamm il-livell ta' frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi ta' 20 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(6) Il-bżar iswed (*Piper nigrum*) mill-Brażil ilu minn Jannar tal-2019 soġġett għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(7) Għalhekk jeħtieġ, li apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali rigward l-importazzjoni tal-bżar iswed (*Piper nigrum*) mill-Brażil. B'mod partikolari, il-kunsinni kollha tal-bżar iswed mill-Brażil jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru l-assenza tas-*Salmonella* f'25 g. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jenħtieġ ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata dwar il-bżar iswed mill-Brażil fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 tiġi ttrasferita għall-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(8) Fir-rigward ta' kunsinni ta' bettieħ Galia (*Cucumis melo var. reticulatus*) mill-Honduras, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli mis-*Salmonella Braenderup*. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' dawk il-komoditajiet mill-Honduras. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-komoditajiet jiġu inklużi fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u ta' kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(9) Il-bżar ħelu (*Capsicum annum*) miċ-Ċina ilu minn Jannar tal-2019 soġġett għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bis-*Salmonella*. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, għal din il-komodità ma għadux iġġustifikat livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fil-livell ta' 20 % tal-kunsinni

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

li jidħlu fl-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-kontrolli sabiex jiżguraw li jinżamm il-livell attwali ta' konformità. Jenħtieġ li tiġi mmodifikata l-entrata korrispondenti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 u l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi titnaqqas għal 10 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(10) Il-brunġiel (*Solanum melongena*) mir-Repubblika Dominicana ilu minn Jannar tal-2019 soġġett għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(11) Għalhekk, minbarra ż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tal-brunġiel (*Solanum melongena*) mir-Repubblika Dominicana. B'mod partikolari, il-kunsinni kollha ta' dik il-komodità mir-Repubblika Dominicana jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi għall-kunsinni tal-ikel u tal-għalf elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mir-residwi tal-pestiċidi. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata dwar il-brunġiel (*Solanum melongena*) mir-Repubblika Dominicana fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 titħassar u tiġi ttrasferita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi miżmuma għal 50 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(12) Il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* u l-Fażola twila jarda mir-Repubblika Dominicana ilhom minn Jannar tal-2010 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(13) Għalhekk, minbarra ż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali, jeħtieġ li tiġi prevista l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* u tal-fażola asparagu mir-Repubblika Dominicana. B'mod partikolari, il-kunsinni kollha ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* u tal-fażola asparagu mir-Repubblika Dominicana jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi għall-kunsinni tal-ikel u tal-għalf elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mir-residwi tal-pestiċidi. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata dwar il-bżar tal-ġeneru *Capsicum* u l-fażola asparagu mir-Repubblika Dominicana fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 titħassar u tiġi ttrasferita għall-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u ta' kontrolli fiżiċi miżmuma għal 50 %.

(14) Fir-rigward tal-kunsinni ta' mżiewed tal-Moringa (*Moringa oleifera*) mill-Indja, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' din il-komodità mill-Indja. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-komoditajiet jiddaħħlu fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza ta' kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 %.

(15) Fir-rigward ta' kunsinni ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mill-Indja, matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq tali kunsinni tiżdied għal 20 %.

(16) Fir-rigward ta' kunsinni ta' ross mill-Indja u mill-Pakistan, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bl-aflatossini u bl-okratossina A. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' tali kunsinni. Għalhekk jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiddaħħlu l-entrati dwar dawk il-komoditajiet mill-Indja u mill-Pakistan, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 %.

(17) Fir-rigward ta' kunsinni ta' gotukola (*Centella asiatica*) u mukunuwenna (*Alternanthera sessilis*) mis-Sri Lanka, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' tali kunsinni. Għaldaqstant jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiddaħħlu l-entrati dwar dawk il-komoditajiet mis-Sri Lanka, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 %.

(18) Il-ġellewż u l-prodotti magħmula mill-ġellewż mit-Turkija ilhom minn April tal-2021 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bl-aflatossini. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri jindikaw grad sodisfaċenti ġenerali ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, ma għadux iġġustifikat livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali għal din il-komodità, u jenħtieġ li titħassar l-entrata tagħha fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793.

(19) Fir-rigward tal-kunsinni ta' tronġ mit-Turkija, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' tali kunsinni. Għalhekk jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiddaħħlu l-entrati ta' dik il-komodità mit-Turkija, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 %.

(20) Il-mandolin (inklużi t-tanġerin u s-satsumas), il-klementini, il-wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, u l-larinġ mit-Turkija ilhom minn Jannar tal-2020 soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq dawk l-oġġetti tal-ikel mill-Istati Membri juru rata għolja persistenti ta' nuqqas ta' konformità minn mindu ġie stabbilit livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. Dawk ir-riżultati jipprovdu evidenza li d-dħul ta' dawk l-oġġetti tal-ikel fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(21) Għalhekk jeħtieġ li, apparti li jiżdied il-livell tal-kontrolli uffiċjali, tiġi prevista l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tal-mandolin u tal-larinġ mit-Turkija. B'mod partikolari, il-kunsinni kollha ta' mandolin (inklużi t-tanġerin u s-satsumas), il-klementini, il-wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, u l-larinġ mit-Turkija jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi għall-kunsinni tal-ikel u l-għalf elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mir-residwi tal-pestiċidi. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinħemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata dwar il-mandolin u l-larinġ mit-Turkija fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 titħassar u tiġi ttrasferita għall-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li tiżdied għal 20 %.

(22) Fir-rigward ta' kunsinni ta' żerriegħa tal-kemmun u ta' origanu mnixxef mit-Turkija, id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba kontaminazzjoni possibbli mill-alkalojdi pirroliżidiċi. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fuq id-dħul ta' tali kunsinni. Għalhekk jenħtieġ li fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiddaħħlu l-entrati ta' dawn il-komoditajiet mit-Turkija, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 % tal-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni.

(23) Fir-rigward tal-*pitahaya* mill-Vjetnam, fil-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, instabet frekwenza għolja ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kontaminazzjoni mir-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk jixraq li l-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi li għandhom jitwettqu fuq tali kunsinni tiżdied għal 20 %.

(24) Ir-riskju li jirriżulta mill-kontaminazzjoni tal-karawett bl-aflatossini huwa assoċjat ukoll mal-paste tal-karawettt. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti kontra r-riskji potenzjali għas-saħħa li jirriżultaw mill-kontaminazzjoni tal-paste tal-karawett bl-aflatossini, fil-kolonni li jirreferu għal "Ikel u għalf (użu maħsub)" u

l-"kodiċi NM" fl-Anness I u fit-Tabella 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, it-termini tal-kategorija "paste tal-karawett" u l-kodiċijiet NM rilevanti għall-paste tal-karawett jenħtieġ li jiżdiedu għall-entrati relatati mal-karawett għall-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċina, Madagascar, is-Senegal u għall-Istati Uniti fl-Anness I u għall-Eġittu, il-Ghana, il-Gambja, l-Indja u s-Sudan fl-Anness II.

(25) Iż-żerriegħa tas-sesamum mill-Indja ilha minn Ottubru tal-2020 soġġetta għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali minħabba r-riskju tal-kontaminazzjoni bir-residwi tal-pestiċidi inkluż l-ossidu tal-etilen. Il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli juru titjib fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ir-residwi tal-pestiċidi għajr l-ossidu tal-etilen. Għalhekk, għal din il-komodità, ma għadux meħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali ta' kunsinni ta' żerriegħa tas-sesamum għall-kontaminazzjoni possibbli b'residwi tal-pestiċidi, li jistgħu jiġu analizzati bil-metodi ta' analiżi ta' aktar minn residwu wieħed. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata korrispondenti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 tiġi mmodifikata skont dan.

(26) Id-*data* li tirriżulta min-notifiki fl-RASFF u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri jindikaw il-ħolqien ta' riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen, li jeħtieġ livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali. L-ossidu tal-etilen huwa kklassifikat bħala mutaġenu tal-kategorija 1B, karċinoġenu tal-kategorija 1B, u tossikant riproduttiv tal-kategorija 1B, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Barra minn hekk, l-ossidu tal-etilen ma huwiex approvat bħala sustanza attiva għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni.

(27) Fir-rigward ta' kunsinni ta' ħarrub, ta' muċilaġni u materjali li jħaxxnu, kemm jekk immodifikati u kemm jekk le, idderivati mill-ħarrub u miż-żerriegħa tal-ħarrub mill-Marokk, ta' paste tal-ħwawar mill-Messiku u ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mill-Uganda, ir-riżultati mill-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri juru okkorrenzi ta' kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen.

(28) Għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti kontra r-riskji potenzjali għas-saħħa li jirriżultaw mill-kontaminazzjoni ta' dawk il-komoditajiet, il-kunsinni ta' ħarrub, ta' muċilaġni u ta' materjali li jħaxxnu, kemm jekk immodifikati kif ukoll jekk le, idderivati mill-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-ħarrub mill-Marokk, il-paste tal-ħwawar mill-Messiku u l-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) mill-Uganda jenħtieġ li jiddaħħlu fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 10 %.

(29) Filwaqt li jitqies l-għadd ta' notifiki fl-RASFF li waslu, jixraq li jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali għall-kunsinni tal-gomma tal-ksantan miċ-Ċina, tal-ħarrub (inklużi l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu dderivati mill-ħarrub), tal-gomma tal-gwar, ta' diversi ħwawar, tal-karbonat tal-kalċju u ta' supplimenti tal-ikel li fihom materjali botaniċi mill-Indja, ta' supplimenti tal-ikel li fihom il-materjali botaniċi, u l-instant noodles mill-Korea t'Isfel, tal-ħarrub (inklużi l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu dderivati mill-ħarrub) mill-Malasja u mit-Turkija, u l-instant noodles mill-Vjetnam. Minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-ossidu tal-etilen, jenħtieġ li l-kunsinni ta' dawk il-prodotti jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali li jiddikjara li r-riżultati kollha tal-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi tal-ossidu tal-etilen għall-kunsinni tal-ikel u tal-għalf elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jinħemżu ma' dak iċ-ċertifikat. Għalhekk, l-entrati ta' kunsinni tal-gomma tal-ksantan miċ-Ċina, tal-ħarrub (inklużi l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu dderivati mill-ħarrub), tal-gomma tal-gwar, ta' diversi ħwawar, tal-karbonat tal-kalċju u tas-supplimenti tal-ikel li fihom il-materjali botaniċi mill-Indja, tas-supplimenti tal-ikel li fihom il-materjali botaniċi, u tal-instant noodles mill-Korea t'Isfel, tal-ħarrub (inklużi l-muċilaġni u l-materjali li jħaxxnu dderivati mill-ħarrub) mill-Malasja u mit-Turkija, u tal-instant noodles mill-Vjetnam jenħtieġ li jiddaħħlu fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, bi frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi stabbilita għal 20 %.

(30) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, jixraq li l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu ssostitwiti fl-intier tagħhom bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

(31) Jixraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni għall-kunsinni tal-bżar iswed (*Piper nigrum*) mill-Brażil, tal-brunġiel (*Solanum melongena*), tal-bżar ħelu (*Capsicum annuum*), tal-bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) u tal-fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mir-Repubblika Dominicana u kunsinni tal-mandolin (inkluż it-tanġerin u s-satsumas), tal-klementini, tal-wilkings u ta' ibridi simili taċ-ċitru u kunsinni tal-lariġ mit-Turkija, li ma humiex akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali, iżda li kienu diġà soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ dak iż-żmien.

(32) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat skont dan.

(33) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Perjodu ta' tranżizzjoni

Kunsinni ta' bżar iswed (*Piper nigrum*) mill-Brażil, ta' brunġiel (*Solanum melongena*), ta' bżar ħelu (*Capsicum annuum*), ta' bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) u ta' fażola asparagu (*Vigna unguiculata* ssp. *sesquipedalis, Vigna unguiculata* ssp. *unguiculata*) mir-Repubblika Dominicana, u ta' mandolin (inkluż it-tanġerini u s-satsumas), kunsinni ta' klementini, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru u kunsinni tal-lariġ mit-Turkija, li kienu diġà soġġetti għal kontrolli uffiċjali miżjuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni sas-26 ta' Jannar 2022 mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali u mir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi.";

2. L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

Ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' kontroll mal-fruntiera u f'punti ta' kontroll

Ringiela	**Pajjiż tal-oriġini**	**Ikel u għalf (użu maħsub)**	Kodiċi NM ([1])	**Subdiviżjoni tat-TARIC**	**Periklu**	**Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi (%)**
1	**L-Arġentina (AR)**	— Karawett, bil-qoxra ta' barra	— 1202 41 00		Aflatossini	5
		— Karawett, mingħajr qoxra ta' barra	— 1202 42 00			
		— Butir tal-karawett	— 2008 11 10			
		— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inkluż taħlitiet	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98;			
			— ex 2008 19 12;	**40**		
			— ex 2008 19 13;	**40**		
			— ex 2008 19 19;	**50**		
			— ex 2008 19 92;	**40**		
			— ex 2008 19 93;	**40**		
			— ex 2008 19 95;	**40**		
			— ex 2008 19 99	**50**		
		— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw millestrazzjoni taż-żejt talkarawett	— 2305 00 00			
		— Dqiq u grixa tal-karawett	— ex 1208 90 00	**20**		
		— Paste tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 2007 10 10	**80**		
			— ex 2007 10 99	**50**		
			— ex 2007 99 39	**07; 08**		

		— Ġellewż (*Corylus* sp.), fil-qoxra	— 0802 21 00			
		— Ġellewż (*Corylus* sp.), imqaxxar	— 0802 22 00			
		— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**		
			ex 0813 50 91;	**70**		
			ex 0813 50 99	**70**		
		— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**		
			ex 2007 10 99;	**40**		
			ex 2007 99 39;	**05; 06**		
			ex 2007 99 50;	**33**		
			ex 2007 99 97	**23**		
		— Ġellewż, ippreparat jew ippriservat mod ieħor, inkluż taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**		
			ex 2008 19 19;	**30**		
			ex 2008 19 92;	**30**		
			ex 2008 19 95;	**20**		
			ex 2008 19 99;	**30**		
			ex 2008 97 12;	**15**		
			ex 2008 97 14;	**15**		
			ex 2008 97 16;	**15**		
2	**L-Ażerbaj-ġan (AZ)**		ex 2008 97 18;	**15**	Aflatossini	20
			ex 2008 97 32;	**15**		
			ex 2008 97 34;	**15**		
			ex 2008 97 36;	**15**		
			ex 2008 97 38;	**15**		
			ex 2008 97 51;	**15**		
			ex 2008 97 59;	**15**		
			ex 2008 97 72;	**15**		
			ex 2008 97 74;	**15**		
			ex 2008 97 76;	**15**		
			ex 2008 97 78;	**15**		
			ex 2008 97 92;	**15**		
			ex 2008 97 93;	**15**		
			ex 2008 97 94;	**15**		
			ex 2008 97 96;	**15**		
			ex 2008 97 97;	**15**		
			ex 2008 97 98;	**15**		
		— Dqiq, grixa u trab tal-ġellewż	— ex 1106 30 90	**40**		
		— Żejt tal-ġellewż ***(Ikel)***	— ex 1515 90 99	**20**		

3	**Il-Bolivja (BO)**	— Karawett, bil-qoxra ta' barra	— 1202 41 00		Aflatossini	50
		— Karawett, mingħajr qoxra ta' barra	— 1202 42 00			
		— Butir tal-karawett	— 2008 11 10			
		— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
		— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw millestrazzjoni taż-żejt talkarawett	— 2305 00 00			
		— Dqiq u grixa tal-karawett	— ex 1208 90 00	**20**		
		— Paste tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 2007 10 10	**80**		
			— ex 2007 10 99	**50**		
			— ex 2007 99 39	**07; 08**		
4	**Il-Brażil (BR)**	— Karawett, bil-qoxra ta' barra	— 1202 41 00		Aflatossini	10
		— Karawett, mingħajr qoxra ta' barra	— 1202 42 00			
		— Butir tal-karawett	— 2008 11 10			
		— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
		— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw millestrazzjoni taż-żejt talkarawett	— 2305 00 00		Residwi talpestiċidi [3]	20
		— Dqiq u grixa tal-karawett	— ex 1208 90 00	**20**		
		— Paste tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 2007 10 10	**80**		
			— ex 2007 10 99	**50**		
			— ex 2007 99 39	**07; 08**		

5	**Iċ-Ċina (CN)**	— Karawett, bil-qoxra ta' barra	— 1202 41 00		Aflatossini	10
		— Karawett, mingħajr qoxra ta' barra	— 1202 42 00			
		— Butir tal-karawett	— 2008 11 10			
		— Karawett, ippreparat jew ippreservat mod ieħor	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98			
		— Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw millestrazzjoni taż-żejt talkarawett	— 2305 00 00			
		— Dqiq u grixa tal-karawett	— ex 1208 90 00	**20**		
		— Paste tal-karawett (**Ikel u għalf**)	— ex 2007 10 10	**80**		
			— ex 2007 10 99	**50**		
			— ex 2007 99 39	**07; 08**		
		Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel – imfarrak jew miṫun)***	ex 0904 22 00	**11**	*Salmonella*([6])	10
		Te, kemm jekk imħawwar u kemm jekk le ***(Ikel)***	0902		Residwi talpestiċidi ([3]) ([7])	20
6	**L-Eġittu (EG)**	— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0709 60 10; 0710 80 51		Residwi talpestiċidi ([3]) ([9])	20
		— Bżar tal-ġeneru *Capsicum* (għajr dak ħelu) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**		
7	**Il-Georgia (GE)**	— Ġellewż (*Corylus* sp.), bil-qoxra ta' barra	— 0802 21 00		Aflatossini	20
		— Ġellewż (*Corylus* sp.), mingħajr qoxra ta' barra	— 0802 22 00			
		— Taħlitiet ta' ġewż jew ta' frott imnixxef li fihom il-ġellewż	— ex 0813 50 39;	**70**		
			ex 0813 50 91;	**70**		
			ex 0813 50 99	**70**		

		— Paste tal-ġellewż	— ex 2007 10 10;	**70**		
			ex 2007 10 99;	**40**		
			ex 2007 99 39;	**05; 06**		
			ex 2007 99 50;	**33**		
			ex 2007 99 97	**23**		
		— Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, inkluż taħlitiet	— ex 2008 19 12;	**30**		
			ex 2008 19 19;	**30**		
			ex 2008 19 92;	**30**		
			ex 2008 19 95;	**20**		
			ex 2008 19 99;	**30**		
			ex 2008 97 12;	**15**		
			ex 2008 97 14;	**15**		
			ex 2008 97 16;	**15**		
			ex 2008 97 18;	**15**		
			ex 2008 97 32;	**15**		
			ex 2008 97 34;	**15**		
			ex 2008 97 36;	**15**		
			ex 2008 97 38;	**15**		
			ex 2008 97 51;	**15**		
			ex 2008 97 59;	**15**		
			ex 2008 97 72;	**15**		
			ex 2008 97 74;	**15**		
			ex 2008 97 76;	**15**		
